MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2006

Rikors Numru. 863/2005

Maltacom p.l.c.
vs
Carmelo Hatherly

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' Dr. Ingrid Zammit Young ghan nom tas-socjeta` Maltacom p.l.c. li bih esponiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit. 2247/96FS) kienet giet deciza minn din il-Qorti fid-dsatax ta' Frar 1998, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kundannat ihallas lil Maltacom p.l.c. s-somma ta' Lm645.71 (sitt mija, hamsa u erbghin Liri Maltin u wiehed u sebghin centezmi), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 247570 (gja 226178).

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut kien ghadu ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, kien tas-

sorte fuq indikati, oltre Lm141.15 (mija, wiehed u erbghin Liri Maltin u hmistax-il centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond it-taxxa annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dokument "A" kif ukoll Lm331.46 (tliet mija, wiehed u tletin Liri Maltin u sitta u erbghin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-19 ta' Frar 1998 sad-19 ta' Lulju 2005, u ghalhekk l-ammont dovut lis-socjeta` rikorrenti kien ta' Lm1118.32 (elf, mija u tmintax-il Lira Maltin u tnejn u tletin centezmu) salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza kienu ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta` rikorrenti kellha interess li tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant filwaqt li ghamlet referenza ghall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta talbet lill-Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tezegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Semghet bil-gurament lill-P.L. Noel Scerri li kkonferma li mid-data tal-prezentata tar-rikors Carmelo Hatherly ma ghamel ebda hlas.

Rat li l-intimat debitament notifikat skond il-ligi baqa' ma pprezenta ebda risposta.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata, u peress li l-Qorti tista' tghaddi ghas-sentenza llum stess, il-Qorti qed tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u

qed tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tezegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------